13 ta' Marzu, 1944

Imħallef:

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Valentino Mifsud *versus* Carmelo Polidano

**Vizzju tal-Kunsens — Żball — Art. 981 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*L-iżball ta' dritt jikkostitwixxi vizzju tal-kunsens u jġib in-nullità tal-konvenzjoni, meta jkun il-kawża unika jew prinċipali ta' dik il-konvenzjoni.*

Il-Qorti — Rat it-talba quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut biex jiżgombra l-għalqa "tal-Għadir" u biex jikkonsenja ċ-ċavetta tal-kamra tagħha, billi huwa qiegħed jokkupaha mingħajr ebda titolu; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fl-24 ta' Jannar 1944, fejn laqgħet it-talba ta' l-attur, u għall-fini ta' l-iżgumbrament u tal-konsenja taċ-ċavetta tal-kamra tat lill-konvenut ħmistax-il ġurnata żmien, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenut aċċetta li jħalli l-għalqa, u għalhekk id-detenzjoni da parti tiegħu l-lum tinsab mingħajr titolu għax il-lokazzjoni preċedenti ġiet xjolta bil-kunsens tiegħu stess.

indipendentement minn kwalunkwe liġi ordinarja jew speċjali; il-lum ma jistax jgħid li jrid jibqa 'fiha, għax huwa stess ipprivà *ruħu mit-titolu li bih kien qiegħed igawdiha*;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u ċ-ċitazzjoni tiegħu għar-revoka ta' dik is-sentenza bl-ispejjeż, billi tiġi riġettata *d-domanda ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi* kontra l-attur;

*Omissis;*

*Tikkunsidra;*

Illi mill-provi rriżulta li wara li l-attur għella l-qbiela lill-konvenut per mezz ta' sempliċi ittra, dan *mar għand* l-attur u *ħa miegħu lil Leonardo* Bartolo u lill-ħatnu Salvu Cassar, peress li dan ried biċċa minn dik l-għalqa..............;

Tikkunsidra;

*Illi* minn dan *l-Ewwel* Qorti ddeduċiet illi l-lokazzjoni kienet spiċċat bil-kunsens ta' l-istess appellant; iżda għalkemm dan il-kunsens jirriżulta li kien hemm, huwa meħtieġ li jkun eżaminat ulterjorment, *kif* issottometta l-appellant, jekk dak il-kunsens kienx validu jew inkella vizzjat għal xi raġuni li trid il-liġi;

Tikkunsidra;

Illi skond l-art. 681 ta' l-Ord. VII ta' l-1868 l-errur taddritt iġib in-nullità tal-konvenzjoni, meta dan ikun il-kawża unika jew prinċipali. *Fil-każ taħt eżami* huwa ċert illi l-appellant iddikjara li huwa ma riedx iżjed l-għalqa għaliex ma aċċettax l-awment li saru. Dan irriżulta b'mod l-aktar ċar mix-xhieda ta' l-istess appell*ant quddiem* l-Ewwel Qorti meta qal illi huwa ma kienx fiħsiebu illi jżommha meta ra l-awment, u żied għax ma kienx jaf li huwa jista' jżommha u *s-sid ma* jistax jgħollilu jekk *ma jottemperax* ruħu mad-dispożizzjoni tal-liġi..........;

Tikkunsidra;

Illi in vista *ta' dan il-fatt*, li kien il-kawża ċertament *prinċipali, jekk* mhux unika, talli l-appellant *iddikjara* li jħalli l-għalqa, u in vista tal-fatt li huwa.............. ma kienx jaf li jista' jirreżisti dak l-għoli, dak *il-kunsens* li ta għax-xoljiment *tal-lokazzjoni* kien *evidentement* vizzjat *minħabba errur ta'*

dritt skond l-artikolu fuq imsemmi. U dan l-errur, fil-kliem ta' din il-Qorti f'Appell Superjuri, deċiż fit-30 ta 'Ottubru 1912. (Kollez. XXI-I-541), "è reso anche più certo dalla condizione del convenuto, uomo del contado, privo d'istruzione, e che non consta di essere stato consultato da alcuno prima di devenire alla rivendizione", f'dak il-każ, u fil-każ preżenti qabel xejn ta l-kunsens għax-xoljiment tal-lokazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

1. Tiddikjara null il-kunsens li ta l-appellant għax-xoljiment ta' dik il-lokazzjoni, u għalhekk null dak ix-xoljiment;

2. U konsegwentement tirrespinġi t-talba ta' l-attur, u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż ma jkunux taxxati bejn il-partijiet, id-dritt tar-reġistru għaż-żewġ istanzi kontra l-attur;

U għalhekk tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell, u tirriżerva lill-istess attur kwalunkwe dritt ieħor kif u skond il-liġi.